# 152. Il-Blata

Il-blata kienet fl-għoli, fil-quċċata
ta' muntanja mill-kbar, miżmuma pura
bix-xemx, bis-sħab, bir-riħ, bis-silġ, bix-xita,
kif taf iżżomm nadif ommna n-natura.

Il-blata nqatgħet f'salt, u mal-muntanja
bdiet nieżla nieżla 'l isfel bi tkarkira
li kull ma tmur tiżdied, sakemm integħħet
fit-tajn u l-ħmieġ u l-ħama ta' għadira.

Il-muntanja ma tħossx u ġewwa qalbha
dulur ma hemmx għall-blata ġewwa l-qiegħ;
'mma min ifisser xi tħoss l-omm li tara lil
bintha mwaqqgħa qalb il-ħmieġ u s-slieħ?